C/2025/1030

27.2.2025

P9_TA(2024)0142

L-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u l-Gateway Diġitali Unika għall-finijiet ta' ċerti rekwiżiti stabbiliti bid-Direttiva dwar l-assoċjazzjonijiet transfruntiera Ewropej

-

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) 2018/1724 fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u l-Gateway Diġitali Unika għall-finijiet ta' ċerti rekwiżiti stabbiliti bid-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjonijiet transfruntiera Ewropej (COM(2023)0516) (COM(2023)0515 – C9-0327/2023 – 2023/0314(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(C/2025/1030)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0515),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 21(2) 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0327/2023),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Jannar 2024 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0006/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

P9_TC1-COD(2023)0314

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Marzu 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) 2018/1724 fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u l-Gateway Diġitali Unika għall-finijiet ta' ċerti rekwiżiti stabbiliti bid-Direttiva (UE).../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjonijiet transfruntiera Ewropej (COM(2023)0516)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) u l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjonijiet transfruntiera Ewropej (COM(2023) 516) ([2]) tistabbilixxi l-miżuri li jikkoordinaw il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u l-operat tal-"Assoċjazzjonijiet Transfruntiera Ewropej", bl-għan li tiffaċilita l-eżerċitar effettiv tal-libertà tal-moviment tal-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li joperaw fis-suq intern.

(2) Skont l-Artikolu ~~30(2)~~***28(2)*** tad-Direttiva COM(2023)516, il-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiġu implimentati permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("is-sistema IMI") stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-proċeduri ta' kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa ***u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti*** jiġu stabbiliti fis-sistema IMI. **[Em. 1].**

(3) F'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), il-gateway diġitali unika għandha ~~tagħti~~ ***tipprovdi*** aċċess għall-informazzjoni, għall-proċeduri u kif ukoll għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi liċ-ċittadini tal-Unjoni, lill-persuni fiżiċi residenti fi Stat Membru u lill-persuni fiżiċi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru. Jenħtieġ li l-parti operattiva u l-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1724 jiġu emendati ***minn dan ir-Regolament*** biex jiżguraw li l-kamp ta' applikazzjoni ma jinftihemx li hu limitat għaċ-ċittadini u n-negozji u li jikkonċerna lill-persuni ġuridiċi għajr in-negozji, bħall-assoċjazzjonijiet transfruntiera Ewropej. **[Em. 2].**

(4) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), li stabbilixxa l-gateway diġitali unika, jipprevedi regoli ġenerali għall-aċċess online għall-informazzjoni, għall-proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern. Jenħtieġ li l-proċeduri koperti minn dan ir-Regolament jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/1724 sabiex jiżguraw li kwalunkwe assoċjazzjoni transfruntiera Ewropea

([1]) Ref. għall-opinjoni

([2]) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar l-Assoċjazzjonijiet Transfruntiera Ewropej (ir-referenza tal-ĠU).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

tkun tista' tibbenifika minn proċeduri kompletament online u mill-iskambju awtomatizzat transfruntier tal-evidenza, f'konformità mal-prinċipju ta' darba biss. Dawn il-proċeduri jinkludu l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' assoċjazzjoni transfruntiera Ewropea u l-proċedura tat-trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat tagħha.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) 2018/1724 jiġu emendati skont dan.

***(5a) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fil-31 ta' Ottubru 2023,* [Em. 3],**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1024/2012

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012, jiżdied il-punt (16) il-ġdid li ġej:

"16. Id-Direttiva (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjonijiet transfruntiera Ewropej (COM(2023) 516) (*): L-Artikolu 19(2), l-Artikolu 19(4), l-Artikolu 23(5), l-Artikolu 23(6), l-Artikolu 23(7), l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(6), u l-Artikolu 27."

_____

(*) *(Ir-referenza tal-ĠU)."

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) 2018/1724

Ir-Regolament (UE) 2018/1724 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-istabbiliment u l-operat ta' gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess faċli liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-persuni ġuridiċi għajr lin-negozji għal informazzjoni ta' kwalità għolja, għal proċeduri effiċjenti u għal servizzi effettivi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi fir-rigward tar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali applikabbli għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-persuni ġuridiċi għajr in-negozji li jeżerċitaw jew li għandhom il-ħsieb li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li ġejjin mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tas-suq intern, skont it-tifsira tal-Artikolu 26(2) tat-TFUE;"

(2) fl-Artikolu 1(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-użu tal-proċeduri mill-utenti transfruntiera u l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' 'darba biss' b'rabta mal-proċeduri elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u l-proċeduri previsti fid-Direttivi 2005/36/KE, 2006/123/KE, 2014/24/UE, 2014/25/UE u …/… (*);"

_____

(*) "Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …. dwar l-assoċjazzjonijiet transfruntiera Ewropej (ir-referenza tal-ĠU)."

(3) fl-Artikolu 2(2), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) informazzjoni dwar is-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi, u l-links għalihom, elenkati fl-Anness III jew imsemmija fl-Artikolu 7 li ċ-ċittadini, in-negozji u l-persuni ġuridiċi għajr in-negozji jkunu jistgħu jirreferu għalihom f'każ li jkollhom mistoqsijiet jew problemi relatati mad-drittijiet, l-obbligi, ir-regoli jew il-proċeduri msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu."

(4) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-iskambju tal-evidenza għall-proċeduri online elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u l-proċeduri previsti fid-Direttivi 2005/36/KE, 2006/123/KE, 2014/24/UE, 2014/25/UE u …/…/…, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema teknika għall-iskambju awtomatizzat tal-evidenza bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti ('is-sistema teknika')."

(5) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1724 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Lista ta' oqsma ta' informazzjoni rilevanti għaċ-ċittadini, in-negozji u l-persuni ġuridiċi għajr in-negozji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tas-suq intern imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(2)."

(aa) fl-"Oqsma ta' informazzjoni marbuta man-negozji", il-punt J huwa sositwit b'dan li ġej:

"Oqsma ta' informazzjoni marbuta man-negozji:

Qasam	*INFORMAZZJONI RIGWARD DRITTIJIET, OBBLIGI U REGOLI*
J. Il-bidu, it-tmexxija u l-għeluq ta' negozju	***1. ir-reġistrazzjoni, il-bdil tal-forma legali jew l-għeluq ta' negozju (il-proċeduri ta' reġistrazzjoni u l-formoli legali għat-twettiq ta' negozju)*** ***2. it-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat ta' negozju lejn Stat Membru ieħor;*** ***2a. obbligi fil-konfront tad-drittijiet tal-krediturи u l-ħaddiema b'rabta mat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat ta' negozju lejn Stat Membru ieħor*** ***3. id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (l-applikazzjoni għal privattiva, ir-reġistrazzjoni ta' trademark, ta' tpinġija jew disinn, il-kisba ta' liċenzja għar-riproduzzjoni)*** ***4. il-korrettezza u t-trasparenza fil-prattiki kummerċjali, inklużi d-drittijiet tal-konsumatur u l-garanziji relatati mal-bejgħ ta' oġġetti u servizzi*** ***5. l-offerta ta' faċilitajiet online għall-pagamenti transfruntiera meta wieħed ibigħ oġġetti u servizzi online*** ***6. id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-liġi dwar il-kuntratti, inklużi l-imgħaxijiet fuq pagamenti tardivi*** ***7. il-proċedimenti ta' insolvenza u l-likwidazzjoni tal-kumpaniji*** ***8. l-assigurazzjoni tal-krediti*** ***9. l-amalgamazzjoni tal-kumpaniji jew il-bejgħ ta' negozju*** ***10. ir-responsabbiltà ċivili tal-membri tal-bord jew tad-diretturi ta' kumpanija*** ***11. ir-regoli u l-obbligi li jirrigwardaw l-ipproċessar ta' data personali***"

[Em. 4]

(b) jiżdiedu l-oqsma tal-informazzjoni li ġejjin:

"L-oqsma ta' informazzjoni relatati mal-persuni ġuridiċi għajr in-negozji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru:

AA.	Il-bidu, it-tmexxija u l-għeluq ta' persuna ġuridika għajr negozju	1. ir-reġistrazzjoni, il-bdil tal-forma legali jew l-għeluq ta' persuna ġuridika għajr negozju (il-proċeduri ta' reġistrazzjoni u l-formoli legali) 2. it-trasferiment ***tal-uffiċċju reġistrat*** ta' persuna ġuridika għajr negozju lejn Stat Membru ieħor ***2a. obbligi fil-konfront tad-drittijiet tal-krediturи u l-ħaddiema b'rabta mat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat ta' persuna ġuridika għajr negozju lejn Stat Membru ieħor*** 3. id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (l-applikazzjoni għal privattiva, ir-reġistrazzjoni ta' trademark, ta' tpinġija jew disinn, il-kisba ta' liċenzja għar-riproduzzjoni) 4. il-korrettezza u t-trasparenza fil-prattiki kummerċjali, inklużi d-drittijiet tal-konsumatur u l-garanziji relatati mal-bejgħ ta' oġġetti u servizzi 5. l-offerta ta' faċilitajiet online għall-pagamenti transfruntiera meta wieħed ibigħ oġġetti u servizzi online 6. id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-liġi dwar il-kuntratti, inklużi l-imgħaxijiet fuq pagamenti tardivi

		7. il-proċedimenti ta' insolvenza u likwidazzjoni ta' persuni ġuridiċi għajr negozji 8. l-assigurazzjoni tal-krediti 9. l-amalgamazzjoni jew il-bejgħ ta' persuna ġuridika għajr negozju 10. ir-responsabbiltà ċivili ***ta' membri tal-bord jew ta' diretturi*** ta' persuna ġuridika għajr negozju 11. ir-regoli u l-obbligi li jirrigwardaw l-ipproċessar ta' data personali
AB.	Impjegati	1. it-termini tal-impjieg stipulati bil-liġi jew permezz ta' strument statutorju (inklużi s-sigħat tax-xogħol, il-liv imħallas, l-intitolamenti għall-btajjel, id-drittijiet u l-obbligi rigward is-sahra, il-kontrolli tas-saħħa, it-terminazzjoni tal-kuntratti, it-tkeċċijiet u s-sensji) 2. id-drittijiet u l-obbligi tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni (ir-reġistrazzjoni bħala impjegatur, ir-reġistrazzjoni tal-impjegati, in-notifika ta' tmiem ta' kuntratt ta' impjegat, il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet soċjali, id-drittijiet u l-obbligi relatati mal-pensjonijiet) 3. l-impjieg tal-ħaddiema fi Stati Membri oħrajn (il-kollokament tal-ħaddiema, ir-regoli dwar il-libertà tal-forniment ta' servizzi, ir-rekwiżiti ta' residenza għall-ħaddiema) 4. it-trattament indaqs (regoli li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol, regoli dwar paga indaqs għan-nisa u l-irġiel u paga indaqs għall-impjegati b'kuntratti fissi jew b'kuntratti ta' impjieg permanenti) 5. ir-regoli dwar ir-rappreżentazzjoni tal-persunal
AC.	Taxxi	1. VAT: informazzjoni dwar ir-regoli ġenerali, ir-rati u l-eżenzjonijiet, ir-reġistrazzjoni għall-VAT u l-ħlas tiegħu, kif tikseb rifużjoni 2. id-dazji tas-sisa: informazzjoni dwar ir-regoli ġenerali, ir-rati u l-eżenzjonijiet, ir-reġistrazzjoni għall-finijiet tat-taxxa tas-sisa u l-ħlas tat-taxxa tas-sisa, u kif tikseb rifużjoni 3. id-dazji doganali u taxxi u dazji oħrajn li jinġabru fuq l-importazzjonijiet 4. il-proċeduri doganali għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni 5. taxxi oħrajn: pagamenti, rati, dikjarazzjonijiet tat-taxxa
AD.	Oġġetti	1. il-kisba ta' markar CE 2. ir-regoli u r-rekwiżiti tal-prodott 3. l-identifikazzjoni ta' standards applikabbli, speċifikazzjonijiet tekniċi u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti 4. ir-rikonoxximent reċiproku ta' prodotti li mhumiex soġġetti għall-ispeċifikazzjonijiet tal-Unjoni 5. ir-rekwiżiti rigward il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ għas-sustanzi kimiċi perikolużi 6. il-bejgħ mill-bogħod/barra mill-post tan-negozju: l-informazzjoni li trid tingħata lill-klijenti minn qabel, il-konferma tal-kuntratt bil-miktub, l-irtirar minn kuntratt, il-konsenja tal-oġġetti, obbligi speċifiċi oħrajn 7. il-prodotti difettużi: id-drittijiet u l-garanziji tal-konsumatur, ir-responsabbiltajiet ta' wara l-bejgħ, il-mezzi ta' rimedju għal parti li ssofri dannu 8. iċ-ċertifikazzjoni, it-tikketti (EMAS, it-tikketti tal-enerġija, l-Ekodisinn, l-Ekotikketta tal-UE) 9. ir-riċiklaġġ u l-ġestjoni tal-iskart
AE.	Servizzi	1. il-kisba ta' liċenzji, awtorizzazzjonijiet jew permessi għall-bidu u l-operat ta' persuna ġuridika għajr negozju 2. in-notifika lill-awtoritajiet dwar attivitajiet transfruntiera 3. ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali
AF.	Il-finanzjament ta' persuna ġuridika għajr negozju	1. il-kisba ta' aċċess għal finanzjament fil-livell tal-Unjoni, inklużi l-programmi ta' finanzjament u l-għotjiet tal-Unjoni 2. il-kisba ta' aċċess għal finanzjament fil-livell nazzjonali 3. inizjattivi indirizzati lill-persuni ġuridiċi għajr negozju (skambji, programmi ta' mentoraġġ, eċċ.)
AG.	Kuntratti pubbliċi	1. il-parteċipazzjoni f'offerti pubbliċi: regoli u proċeduri 2. il-preżentazzjoni ta' offerta online bi tweġiba għal sejħa għall-offerti pubblika 3. ir-rapportar ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-proċess ta' sejħiet għall-offerti
AH.	Saħħa u sikurezza fuq ix-xogħol	1. l-obbligi dwar is-saħħa u s-sikurezza fir-rigward ta' tipi differenti ta' attività, inklużi l-prevenzjoni tar-riskji, l-informazzjoni u t-taħriġ"

[Em. 5]

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*